MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 225/2004

**George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur ta' l-assenti Frances mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela ulied Carmelo Abela**

**Vs**

**Adrian u Sabrina mizzewgin Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz pprezentata mill-atturi fis-27 ta' April, 2004, fejn tablu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw miz-zewg fondi 179, "Honey House", Triq Ninu Cremona, Paola u garage numru 177, Triq Ninu Cremona, Paola u jhalluhom liberi u battala, stante li huma qed jiddetjenu u jokkupaw l-imsemmija fondi minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-28 ta’ Ottubru, 2002, kontra l-istess konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza, gie dikjarat illi l-valur lokatizzju ma jeccedix is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) fis-sena.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Adrian u Sabrina konjugi Abela. fejn eccepew

1. Fl-ewwel lok l-atturi ghandhom kull wiehed u wahda minnhom jipprovaw it-titolu taghhom.
2. Fit-tieni lok l-atturi anke jekk eventwalment jigi pprovat xi titolu fuq il-fond in parola ma humiex intitolati jipprezentaw it-talba odjerna u jittentaw jizgombraw lill-eccipjenti, sakemm ma jirrux illi huma proprjetarji assoluti tal-fond.
3. Illi fit-tielet lok l-eccipjenti jipposjedu titolu illi jaghtihom dritt jokkupaw u jiddetjenu l-imsemmi fond liema titolu huwa derivat mit-terzi u gie godut u ezercitat mill-eccipjenti apertament u minghajr molestji ghal dawn l-ahhar snin.
4. Salvi eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Adrian u Sabrina konjugi Abela fejn eccepew ulterjorment:

1. Illi b’zieda ma dak eccepit minnhom, l-eccipjenti qeghdin jeccepixxu l-inkompetenza *ratione materiae* ta’ dina l-Onorabbli Qorti a tenur tad-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 47(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi gja rrizulta mill-provi migbura illi leccipjent Adrian Abela (flimkien mat-terzi) gie istitwit il-legatarju u ghalhekk proprjetarju tan-nofs indiviz tal-fond meritu tal-kawza odjerna bit-testment tal-mejjet nannuh Emanuel Abela – ezebit fl-atti tal-kawza – b’mod illi f’kaz illi t-titolu vantat mill-atturi jkun dritt reali fuq il-fond il-materja tal-kawza tkun tirrigwarda l-proprjeta’ tal-fond in kwistjoni billi l-estenzjoni tad-dritt vantat mill-atturi trid tigi necessarjament apprezzata u kkontrastata mad-dritt tal-konvenut Adrian Abela bhala komproprjetaju tal-fond.

2. Salvi eccezzjonijiet.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fondi numri 177, li huwa garage u l-fond residenzjali 179, Honey House, Triq Ninu Cremona, Paola.

Il-konvenuti minn naha l-ohra qeghdin jaghmlu ostaklu ghal din l-azzjoni fuq eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti *ratione materiae* u nvokaw favur taghhom l-Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jirrigwarda n-nuqqas ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn si tratta ta’ kwistjonijiet ta’ proprjeta’.

Jibda biex jinghad li l-fondi 177 u 179, Triq Ninu Cremona, Paola kienu jappartjenu lin-nanniet tal-konvenuti u cioe’ Emanuel u Martha nee’ Zammit. Emanuel miet fis-26 ta’ Frar, 1982 u Martha mietet fl-10 ta’ April, 1983. B’testment unika karta tad-19 ta’ Novembru, 1981 il-fond 177, Triq Ninu Cremona, Paola inghata bhala legat lil missier il-konvenut flimkien maz-zijiet Emanuel, John u Anthony. Waqt li l-fond 179, Triq Ninu Cremona, Paola inghata bhala legat lilu u lil huh Joseph.

Pero’, b’testment sigriet Martha Abela hassret il-parti tat-testment unika karta illi jikkoncerna lilha u kif ammetta l-istess konvenut Adrian Abela ma hallitx zewg fondi meritu ta’ din il-kawza bhala legat la lilu u lanqas lil missieru. F’dan il-perijodu ma saret l-ebda immissjoni tal-pussess.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn il-provi, specjalment it-testmenti fuq imsemmija u dak sigriet ta’ Martha Abela, jidher illi hawn kwistjoni ta’ titolu illi jezorbita l-kompetenza ta’ din il-Qorti. L-Artikolu 47 jghid car illi meta si tratta ta’ kwistjoni u cioe’

kontroversja bejn il-partijiet dwar it-titolu ta' l-oggett in disputa, allura tali kontroversja trid tigi ttratta u deciza mill-Qrati Superjuri u mhux mill-Qrati tal-Magistrati.

Filwaqt illi l-konvenuti qeghdin jippretendu illi huma qeghdin jokkupaw il-fondi bhala legatarji, dan qed jigi kontestat mill-atturi minhabba t-testment sigriet ta' Martha Abela. Mhijiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tiddikjara ta' min hi l-prorprjeta' u jekk ghandhiex tappartjeni lil eredita' jew ohra.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti ghandhom ragun meta eccepew in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u taghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-atturi, fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom, specjalment Charles Grima vs Michael Spagnol deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Marzu 1996.

Wara li rat l-Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara illi hawn kwistjoni ta' proprjeta' li tmur oltre l-kompetenza ta' din il-Qorti u filwaqt li tiddikjara ruhha nkompetenti, *ratione materiae*, tipprefiggi terminu ta' tliet xhur sabiex il-konvenuti jiddeducu l-pretenzjoni taghhom ghar-rivendikazzjoni tal-proprjeta' quddiem il-Qorti Superjuri.

Bl-ispejjez ta' dan il-gudikat jibqa' riservat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------